**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Frankie Sammut]**

**vs**

**Raphael Buttigieg**

**Kumpilazzjoni Numru: 1302/12**

**Illum, 23 ta' April, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Raphael Buttigieg detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 567359M akkuzat talli nhar it-28 ta' Marzu 2012, gewwa Marsaskala kkommetta serq ta' oggetti u cioe' ta' public logic control boxes minn Triq Sant Antnin, Marsaskala, liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur u bil-mezz li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) sar ghad-detriment tad-diregenti tal-kumpanija Bilom Construction Limited u/jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' serq minn gewwa Triq Sant Antnin, Marsaskala, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment tad-diregenti tal-kumpanija Bilom Construction Limited u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f'oggetti u cioe' fil-public logic control boxes, liema ammont jeccedi l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), sar ghad-detriment tad-diregenti tal-kumpanija Bilom Construction Limited u/jew persuni ohra.

U finalment qieghed jigi akkuzat talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta (6) ta' Gunju elfejn u erbatax (2014) li biha hareg l-Artikoli li bihom jahseb li ghandha tinstab htija u cioe':-

> fl-Artikoli 17,31, 49, 50, 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
> fl-Artikoli 261(b), 261(c), 263(a), 267, 278(2), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
> fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-atti tal-proces verbal redatt mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli u datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju elfejn u tnax (2012);

Illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq serq jew attentat ta' serq ta' zewg (2) *control boxes* li jintuzaw f'*batching plants* tal-konkos b'mod partikolari fl-impjant gewwa Marsascala li allegatament dan l-impjant jappartjeni lil JAJ Company Ltd u li dakinhar tal-allegat reat kien qed jigi esegwit mandat ta' qbid kawtelatorju mis-socjeta' Bilom Group.

Illi dawn il-proceduri huma anomali ghall-ahhar u dan ghaliex ix-xhud principali u cioe' Gilbert Bugeja, li hu rapprezentant ta' Bilom Group u li dakinhar tal-allegat reat kien fuq il-post, fl-atti tal-inkjesta kien identifika lil certu John Mary Vella bhala l-perpetratur u fil-fatt il-konkluzjonijiet tal-inkjesta kienu fil-fatt illi jirrikmandaw illi jittiehdu passi kontra dan il-persuna.

Illi gara li ghal xi raguni mhix cara ttiehdu proceduri kontra l-imputat odjern minhabba li allegatament dan John Mary Vella kien b'xi mod allega li l-van li kien fuq il-post kien tal-imputat. Dan kollu ma harigx car pero'.

Illi l-imputat, fl-istqarrija tieghu qatt ma nnega li kien fuq il-post dakinhar tal-allegat reat izda dan jghid li kien hemm fuq xoghol u ma kien seraq xejn, xi haga li giet ikkonfermata f'dawn il-proceduri.

Illi ulterjorment il-prosekuzzjoni naqset li tipproduci l-prova tal-ammont ta' dawn iz-zewg *control boxes* u dan minhabba l-akkuza tal-aggravju tal-ammont. Illi Gilbert Bugeja fil-fatt jghid illi ma rnexxielux igib il-valur taghhom, xi haga li hija improbabbli hafna ghaliex jekk din tintalab lill-importatur dawn dejjem jaghtu l-valur. Illi ugwalment inghad ukoll mill-istess Gilbert Bugeja li wehidhom dawn m'ghandhomx valur ghaliex dawn iridu jkunu mqabbdin ma' apparat akbar sabiex jithaddem.

Illi nuqqas iehor tal-prosekuzzjoni kien illi ma giex prodott bhala xhud l-imsemmi John Mary Vella, li kien il-persuna li kontra tieghu l-inkjesta magisterjali talbet li jittiehdu passi kriminali. Ta' min ifakkar li kien l-istess Gilbert Bugeja li kien semma' lill-istess John Mary Vella li kien fuq il-post dakinhar tal-allegat reat. Illi pero' rrizulta illi tul din il-kumpilazzjoni Gilbert Bugeja iddentifika lill-imputat Raphael Butigieg li kien qieghed jghabbi dawn il-*control boxes*. Inoltre irrizulta wkoll illi x-xhieda tal-istess Gilbert Bugeja ma kinitx konsistenti ghaliex ma kienx cert x'ra lill-imputat jaghmel ezattament.

Illi m'huwiex cert ukoll jekk dawn il-kaxxi gewx misjuba jew jekk ittiehditx wahda biss jew tnejn.

Illi rrizulta wkoll tul dawn il-proceduri illi ghalkemm fuq il-post tal-allegat reat nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu elfejn u tnax (2012) kien hemm bosta nies u cioe' zewg marixxalli, l-imsemmi Gilbert Bugeja kif ukoll is-*security person* tal-post, hadd mill-ohrajn ma ra xejn u hadd ma kien issuspetta f'xejn.

Illi allura dawn in-nuqqasijiet certament jimmilitaw favur tal-imputat u ghalhekk il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mil-ligi u ghal dawn il-motivi l-imputat ma jista' qatt jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Raphael Butigieg** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**